MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 120/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lyndon Gravina u**
**Russel Schembri**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell – anzi proprjament zewg appelli – minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha **Lyndon Gravina** (bin John u Josette nee Sultana, imwieled fil-5 ta’ Mejju 1989, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 208289M) u **Russell Schembri** (bin Raymond u Silvana nee Pace, imwieled fit-18 ta’ Settembru 1987, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 437487M) gew ikkundannati tlett (3) xhur prigunerija; b’dik l-istess sentenza dik il-qorti ordnat ukoll li tigi fis-sehh is-sentenza ta’ prigunerija ta’ sentejn (fir-rigward ta’ Schembri) u ta’ erbatax-il xahar prigunerija (fir-rigward ta’ Gravina) originarjament sospizi ghal erba’ snin bis-

sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Lulju 2007. L-ewwel qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura bin-numru BAB-165 "li biha gie kommess ir-reat in dizamina".

**2.** L-imsemmi Gravina u Schembri tressqu b'att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati talli fl-4 ta' Gunju 2009 minn gewwa St George's Park, Triq id-Dragonara, San Giljan, f'xi hin bejn in-nofs siegha u s-siegha ta' wara nofs in-nhar ikkommettew serq ta' *handbag* li kien fih diversi oggetti li l-valur taghhom ma jaqbizx l-€232.94 a detriment ta' Hilary Boucer; kienu akkuzati wkoll li ghamlu dan id-delitt fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fit-23 ta' Lulju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Inoltre Gravina wahdu kien akkuzat li saq vettura numru BAB-165 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

**3.** L-appelli gew trattati fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2010. Fiz-zewg rikorsi ta' l-appell hemm xi aggravji li huma komuni ghaz-zewg appellanti, u aggravju minnhom li gie sollevat biss minn Gravina. L-aggravji komuni huma li l-ewwel qorti messha ordnat *presentencing inquiry report* fil-konfront taghhom, li l-ewwel qorti ma setghet qatt tordna l-konfiska tal-vettura aktar 'il fuq imsemmija, u li l-piena kienet wahda eccessiva. L-aggravju ta' Lyndon Gravina hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti enuncjat skorrettement il-ligi in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq l-imputazzjoni li tipotizza r-reat li hu saq vettura minghajr id-debita kopertura tal-assigurazzjoni.

**4.** Dwar l-aggravju sollevat minn Gravina biss, din il-Qorti bla tlaqliq tghid li dana l-aggravju hu infondat. Mill-provi jirrizulta li ghalkemm il-vettura li huwa saq kienet debitament licenzjata ghat-triq (u allura kien hemm fil-konfront taghha polza ta' assigurazzjoni), galadarba l-istess Gravina dak iz-zmien tal-incident *de quo* kien ghadu ma gabx il-licenzja tas-sewqan (dan gabha biss l-ewwel darba fil-11 ta' Mejju ta' din is-sena, cioe` 2010), il-kopertura, skond prassi inveterata fil-kamp tal-assigurazzjonijiet ta' vetturi bil-mutur ma kienitx testendi ghalih (kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata) u ghalhekk kien jikkonfigura r-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Apparti minn hekk, kienet tapplika wkoll f'dan il-kaz il-presunzjoni kontemplata fis-

subartikolu (1A) tal-imsemmi Artikolu 3, cioe` li kien jinkombi fuq l-akkuzat li jipprova li kien hemm assigurazzjoni li tkopri sewqan minnu ta' dik il-vettura billi jipproduci certifikat tal-assigurazzjoni mahrug taht l-Artikolu 4(4) tal-imsemmi Kap. 104, prova li dana l-appellant ma ghamilhiex.

**5.** Kwantu ghat-tliet aggravji l-ohra sollevati miz-zewg appellanti, l-uniku wiehed li huwa fondat huwa dak li jirrigwarda l-konfiska tal-vettura. Din il-vettura ma kienitx tappartjeni lil xi wiehed minnhom u ma gietx ezebita taht l-awtorita` tal-qorti. Il-provi juru li din il-vettura hija ta' omm Gravina, u l-Artikolu 23(1), invokat mill-ewwel qorti bhala bazi ghall-imsemmija konfiska, addirittura jeskludi tali konfiska meta persuna ohra "li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq [dak l-oggett]". Mill-bqija, pero`, l-aggravji l-ohra huma infondati u jirrazentaw il-fieragh. Ma kien hemm lok ta' ebda *presentencing inquiry report* u anqas ma jista' jinghad li l-piena erogata mill-ewwel qorti – sia ghal dik li hi l-piena ghar-reati ta' serq, sewqan bla licenzja u bla kopertura tal-assigurazzjoni u sia ghal dik li hija l-attivazzjoni tal-piena ta' prigunerija sospiza – kienet b'xi mod jew b'xi tigbid tal-immaginazzjoni wahda "eccessiva".

**6.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tipprovdi dwar iz-zewg appelli billi, filwaqt li thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet ordnata l-konfiska tal-vettura BAB-165, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(4)(5) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------